MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Numru 27/2001

**Artikolu 214, 216, 325 (b), 338 (m)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**

**Spettur Paul Bond**

v

**RAYMOND BALDACCHINO**

**Seduta ta' llum, 27 ta' Novembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND BALDACCHINO** bin John u l-mejta Jane mitwielda Cassar, imwieled tal-Pieta nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Jannar, 1960 u residenti Zebbug gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-tletin ta'

Dicembru, 2000 wara nofsinhar waqt li kien go Victory Street, Qormi volontarjament ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq ghajnejn ix-xellugija ta’ Adrian Baldacchino minn Hal Qormi u dana skond kif iccertifika it-tabib R. Patinott tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana; u talli fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara fuq karozza li ggib numru LAL 195 tal-ghamla Pegeout liema hsara tammonta ghall-mitejn tnejn u sebghin lira maltin u zewg centezmi ghad-dannu ta’ Adrian Baldacchino minn Hal Qormi u talli kiser il-paci pubblika bi glied u ghajjat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta’ Avukat Generali datat ghaxra ta’ Jannar, 2001 esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument NC sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat m’ghandux oggezzjoni sabiex il-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja u dan wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb ghad-domandi li sarulu fl-ezami nhar it-tnax ta’ Frar, 2002.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, l-imputat jixhed minn jeddu b’mod volontarju u l-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega illi nhar it-tletin ta’ Dicembru, 2002 l-imputat kien involut fi glieda mat-tifel ta’ huh Paul u cioe` Adrian Baldacchino u dana fi Triq il-Vitorja, Hal Qormi u bhala rizultat l-istess Adrian Baldacchino sofra griehi ta’ natura gravi fuq ghajnejh ix-xellugija u hsarat fil-vettura tieghu fl-ammont ta’ mitejn tnejn u sebghin lira maltin u zewg centezmi.

**PS 585** xehed nhar it-tnax ta’ Frar, 2001 u qal illi Anthony Baldacchino mar jaghmel rapport l-ghassa fil-gurnata tat-tletin ta’ Dicembru, 2000 u rrapporta li Adrian Baldacchino kien qed ikisser xi karozzi fi Triq St. Edward kantuniera ma Victory Street. Illi mistoqsi jekk rax il-hsarat fuq il-vetturi, huwa wiegeb fl-affermattiv u spjega li ra hsarat fi

tlett vetturi, f'dik ta' Anthony Baldacchino, f'dik tal-imputat u f'dik ta' missier l-imputat. Huwa pero ma kienx f'posizzjoni jghid jekkx fil-fatt il-vettura ta' Adrian Baldacchino soffrietx danni jew le.

**Marco Agius**, rappresentant tal-Continental Cars xehed u kkonferma illi huwa ezamina vettura pero dettalji ta' x'vettura hi ma jaghtix u jghid illi kellha hsarat fl-ammont ta' mija erbgha w tmenin lira maltin sebgha w tletin centezmu u zewg millezmi [LM 184.37c 2.] L-ircevuta esebita mill-Ispettur Paul Bond fix-xhieda tieghu tirreferi ghall-hsarat li ghandha l-vettura tal-ghamla Audi bin-numru ta' registrazzjoni LAL 195 u dana fl-ammont ta' disghin lira maltin [LM 90] eskluz il-prezz tal-windscreen. Il-Qorti tirrileva illi dawn iz-zewg dokumenti ma jikkostitwux prova dwar il-hsarat li allegatament sofra Adrian Baldacchino fil-vettura tieghu ghaliex skond l-akkuza l-vettura ta' Adrian Baldacchino hija Pegeout u f'dawn iz-zewg dokumenti ma hawn l-ebda referenza ghall-vettura tal-ghamla Pegeout.

**Alfred Mansueto**, xhud okulari tal-incident, mistoqsi jekk ra lil xi hadd isawwat lil Adrian, jghid li ma ra lil hadd. Jghid biss li ra lil Adrian kollu demm u Raymond Baldacchino bl-ixkupa ghalkemm sema lil Adrian jghid "ma nafx ghaliex qlajt daqqa ta' ponn".

**Adrian Baldacchino**, l-allegat vittma, jghid li hu kien qed isuq il-karozza fi Triq il-Vitorja u ra lil zijuh l-imputat jaghmillu mossa oxxena b'idejh waqt li kien fil-bieb tas-showroom tieghu u dan mill-mera tal-karozza tieghu. Nofsiegha wara, huwa reggha ghadda mill-istess triq u l-imputat hareg f'nofs ta' triq u tah daqqa ta' ponn. Ix-xhud ma jghidx ghaliex kien wieqaf biex seta laqghtu l-imputat. Mistoqsi jekk ra lil xi hadd ikisser il-karozzi fil-vicinanzi huwa jwiegeb fin-negattiv salv ghal Brian Baldacchino jaghti daqqa lil xi bonett bil-barmil. Huwa jghid li kien ser jitla fuq is-saqaf ta' karozza fil-prezenza ta' Alfred Mansueto ghaliex l-imputat u kuginuh Brian sakkruh, ghalkemm jghid li hsarat fl-ebda hin ma kkaguna. Ix-xhud jammetti li kien qed jixrob sa minn siegha qabel l-incident pero meta mistoqsi ma min kien qed jixrob, jghid li ma

jiftakarx peress li kien hemm hafna nies. Ix-xhud jammetti fuq domanda tad-difiza li kellu fliexken fil-karozza tieghu, wiehed tas-Seven UP kbir, u tnejn tal-Heineken. Ghall-ewwel pero jichad li tefa dawn il-fliexken fid-direzzjoni tal-imputat pero' wara, u aktar tard fl-istess xhieda, l-ewwel jghid li tefa flixkun sabiex l-imputat ma jhebbx ghalih wara li allegatament kien diga tah daqqa ta' ponn ghalhekk ighid li kien stordut u wara aktar tard jghid li tefa tlett fliexken. Mistoqsi jekk kienx hu li mar ghall-Pulizija, huwa jwiegeb fin-negattiv.

Minn ezami tal-affidavid rilaxxat minn Dottor Robert Patinott, jirrizulta illi l-griehi sofferti minn Adrian Baldacchino kienu ta' natura gravi u li l-ferita fuq il-kappa ta' ghajnejn kienet ser tibqa sfregju.

**Angelo Baldacchino** spjega kif dakinhar tal-incident huwa kien se jipparkja l-vettura tieghu ftit l-isfel mis-showroom fejn kien hemm l-imputat u rat lil neputieh, l-allegat vittma, f'nofs it-triq hiereg bil-vettura tieghu. Rah jifqa flixkun ahdar tas-Seven Up mal-art u fl-istess hin jghid il-kliem "ejja Raymond ha nghidlek min jien sewwa!". Appena rah jaqsam it-triq bil-flixkun miksur f'idejh, mar jghajjat l-ghajnuna tal-Pulizija. Wara li rritorna mill-ghassa sab il-vettura tieghu mfarrka u midhuna. Ra ukoll il-vettura ta' ibnu Brian bil-fanal imkisser u dik tal-imputat bil-windscreen mkisser, b'daqqiet fuq il-bonnet u fuq il-mudguard.

**Brian Baldacchino** jghid li dakinhar tal-incident kien qed jahsel il-karozza flimkien ma zijuh l-imputat fil-garaxx ta' missieru ta' Hal Qormi. F'xi hin ra lil kuginuh Adrian jghaddi sparat mit-triq. Kien ser jahbat u persuna maghrufa bhala l-Plejju, ikkummenta li Adrian kien ilu jixrob il-birra minn filghodu. Adrian baqa jghaddi mill-garaxx ghal xi hames darbiet waqt li jaghmel is-sinjali oxxeni lejn l-imputat. F'daqqa u l-hin waqaf f'nofs ta' triq quddiem il-garaxx, beda jwaddab il-fliexken waqt li l-imputat kien fil-bieb tal-garaxx, u kemm hu u l-imputat qaghdu attenti biex ma jintlaqtux. Adrian iccallengja l-imputat ghall-glied u beda jkisser il-karozzi bil-hadida. Ra lil Adrian ukoll jitla fuq is-saqaf tal-vettura ta' missieru,

jaqbez u jikkummiedja.  Huwa jichad illi f’xi hin ra lill-imputat jiggieled ma Adrian.

Il-Prosekuzzjoni esbiet l-istqarrija tal-imputat rilaxxata minnu b’mod volontarju fit-30 ta’ Dicembru, 2000 a tempo vergine tal-incident fl-istess jum ftit sieghat wara.  Illi minn ezami ta’ din l-istqarrija jirrizulta li huwa ta l-istess verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Brian Baldacchino viva voce l-Qorti kwazi sentejn wara li sehh l-incident.  L-imputat cahad li ta daqqa lil Adrian, ikkagunalu ferita fuq ghajnejh jew li kkagunalu xi hsara fil-vettura.

Fl-erbatax ta’ Novembru, 2002 huwa ikkonferma l-istqarrija tieghu u l-fatti kollha kif moghtija fl-istqarrija u elabora ftit fuq il-manjiera kif in effetti kien hu li gie aggredit mill-vittma.  L-imputat baqgha konsistenti dwar il-verzjoni tal-fatti moghtija minnu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni.

**Fid-dawl tal-fatti kif esposti aktar il-fuq il-Qorti thoss illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkuzi sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant wara li rat l-artikolu tal-Ligi u cioe` 214, 216, 325 (b) u 338 (m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddeciedi billi ssib lill-imputat RAYMOND BALDACCHINO mhux hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**